SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 41/K9/22

Data tal-laqgħa: 07 ta' April 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc. No. 29319/22)
John Agius – Kunsillier (Inc No. 29355/22)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Clerk
Accountant tal-Kunsill – Daniel Galea

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

41.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier John Agius talbu li jiġu skużata għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

41.1.02 Iċ-Ċermen spjega li din il-laqgħa damet ma' saret minħabba li kien hemm l-elezzjoni, l-ġimgħa ta' wara s-Sindku kien ma jiflaħx u l-ġimgħa li kien imiss kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma tiflaħx. Għaldaqstant din il-laqgħa kella tiġi posposta diversi drabi.

**41.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

41.2.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Minuti 40/K9/22 għall-approvazzjoni.

41.2.02 Ma kien hemm l-ebda korrezzjon fil-minuti.

41.2.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

41.2.04 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaħ fl-approvazzjoni.

41.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

41.2.06 L-Accountant tal-Kunsill wasal fil-5.00p.m.

41.2.07 Saret sospensjoni tal-Aġenda sabiex jiġi diskuss item 41.5 jiġi diskuss qabel minħabba li kien hemm l-accountant preżenti sabiex jagħti spjegazzjoni dwar il-financial statements 2021.

**41.5 Financial Statements 2021**

41.5.01 Iċ-Ċermen u d-Deputat taw merħba lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea.

41.5.02 Iċ-Ċermen flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegaw li huma responsabbli għal-affarijiet li huma konxji fuqhom. Dan wara li ġie nieqes is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Spiteri. Id-Deputat spjegat ukoll li hija ser tkun responsabbli minn meta ġiet appuntata f'din il-pozizzjoni.

41.5.03 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea beda jagħti spjegazzjoni ta' l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u spjega li qegħdin tard u jrid isir sforz kollettiv minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv kien ilu ġranet u anke xhur li s-saħħa tiegħu kienet sejra lura. Ghaldaqstant il-qagħda finanzjarja tallum tirrifletti dan. L-Accountant spjega wkoll li r-riżervi li l-Kunsill kellu kienu qed jitnaqqru u għaldaqstant qegħdin f'deficit iktar mis-sena ta' qabel. Huwa spjega wkoll dwar is-sitwazzjoni tar-resurfacing tat-toroq, fejn il-Kunsill mhux qiegħed jiġbor il-100% tal-proġett.

41.5.04 Iċ-Ċermen żied ukoll li min-naħa tagħna tlabna lid-Dipartiment sabiex jkun hemm estensjoni sabiex jiġu sottomessi l-financial statements. Huwa spjega wkoll li għada ser tkun qed issir laqgħa mal-compliance unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar id-deficit tal-Kunsill.

41.5.05 Iċ-Ċermen spjega wkoll li l-Kunsill għad għandu flus x'jiġbor fir-rigward ta' ċertu proġetti li jinkludu Triq il-Mensija (problema tad-dranaġġ) kif ukoll Triq Bonavita u Triq Forrest (il-bankini).

41.5.06 L-Accountant spjega li ħdimna kemm stajna sabiex inkunu korretti b'mod possibli u jispera li niġbru l-flus lura dovuti lill-Kunsill mill-aktar fis sabiex jitnaqqas id-deficit tal-Kunsill.

41.5.07 Iċ-Ċermen spjega li t-toroq li għad fadal pendenti iridu jsiru minħabba li marbutin b'kuntratt mal-*Urban Development Funds*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li xorta jkun hemm l-ispejjez tal-perit li dawn iridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

41.5.08 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jitnaqqsu ċertu spejjez żejda sabiex il-Kunsill jikkontrolla u jirkupra l-qagħda finanzjarja tiegħu.

41.5.09 Wara din id-diskussjoni, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' l-Financial Statements 2021.

41.5.10 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondaħ fl-approvazzjoni tagħhom.

41.5.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

41.5.12 Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tal-ispjegazzjoni. Is-Sur Galea ġie skużat mil-laqgħa fis-6.00p.m.

41.5.13 Il-Kunsill kompla lura għal-Aġenda kif inhi skedata.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

41.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar 40.3.08 dwar il-patching li kellu jsir fi Triq l-Arċisqof Romero ma sarx tarmac. Iċ-Ċermen infurmaħ li saru xi xogħolijiet b'mod temporanju mill-ħaddiem tal-Kunsill minħabba li l-Kunsill m'għandux il-finanzi meħtieġa sabiex isir r-resurfacing tat-triq kollha. Il-Kunsillier Martin John Sultana issuġerixa wkoll li fejn qed isir resurfacing ta' Telgħet Birkirkara, tinħasel it-triq minħabba li hemm ħafna trabijiet. Huwa staqsa wkoll dwar punt numru 40.4.01 jekk inżabritx is-siġra li hemm kif tinżel Xatt is-Sajjieda, id-Deputat spjegat li din għadha ma saritx.

41.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 40.3.14, li jirrigwarda l-vann tal-Kunsill, fejn hu spjega li aħjar inxtara vann għal-użu tal-Kunsill milli qiegħed bil-kera. Huwa staqsa wkoll dwar d-double yellow lines li hemm quddiem Park Towers fi Triq Mikielangelo Cagiano minħabba li għadhom qed jidhru u fl-istess ħin hemm il-parking bays. Huwa talab li dawn jinżebgħu bl-iswed.

41.2.10 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt dwar 40.6.08 dwar attivitajiet li kellhom jsiru mill-Active Ageing u li dawn ma kienux ittelaw fuq il-paġna tal-Facebook. Iċ-Ċermen spjega li ser ikun qiegħed jagħmel dan.

41.2.11 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-paġna ta' facebook minħabba li l-amministrattur kien is-Segretarju preċidenti. Huwa nforma lill-Kunsill, li l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula tkellem mal-familja tiegħu sabiex ningħataw ir-rights biex ikollna l-aċċess għal din il-paġna.

41.2.12 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar siġra li għandhom bżonn tinżabar ħdejn il-Knisja tal-Lunzjata fi Triq San Ġorg. Iċ-Ċermen spjega li din qieghda fil-privat u għaldaqstant il-Kunsill m'għandhux kontroll fuqha.

**41.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

41.3.01 Iċ-Ċermen ressaq dawn il-punti għall-attenzjoni tal-Kunsill:

- Saret laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill fejn l-Kunsill għandu żewġ każi pendenti kontrih. Dawn huma incident li kien sar fi Triq Elija Zammit u ieħor fi Triq Spinola.

- Ser ikunu qed isiru t-tabelli neċċessarji sabiex Triq San Mark u Triq San Mikiel isiru one way. Din ser tkun qed issir bl-

approvazzjoni tat-Transport Malta. Ser inkunu qed ninfurmaw lill-kuntrattur tat-tabelli sabiex dawn isiru.

- Ser ikunu qed isiru laqgħat mal-kuntratturi li għandhom l-advertising boards ġewwa San Ġiljan sabiex jintlaħaq kompromess dwar il-pagamenti tagħhom.

- Spjega li l-bring in sites li hemm fi Triq il-Baltiku qed jiġu mmoniterjati mill-LESA, u qed jingħataw il-kontravenzjonijiet għal min jikser il-liġi.

- Spjega dwar il-proġett ta' San Ġiljan Waterpolo Club, fejn irċivejna CD min-naħa tal-ERA. Huwa talab li kull min hu interessat li jara dan ic-CD, dan ser ikun qiegħed għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir laqgħa magħhom ad-hoc.

- Spjega li l-laqgħa plenarja tmexxiet għas-16, 17, 18 ta' Ġunju 2022. Il-Kunsillier Guido Dalli u l-Kunsilliera Patricia Camilleri ser ikunu qed jattendu. Iċ-Ċermen spjega li mhux ser ikun qiegħed jattendi minħabba li ser ikun msiefer.

- Spjega dwar iż-żjara fil-Grecja (Youth for the Europe), ser ikunu qegħdin jattendu l-Kunsillier Guido Dalli, Martin John Sultana u Adrian Domenic Ellul. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ser ikun qiegħed jagħmel preżentazzjoni. Il-Kunsill qabel li dawn il-kunsilliera jmorru filwaqt li ġie spjegat li dawn mhux ser ikunu qegħdin jingħataw per diem minħabba li din ser tkun qeda tiġi ffinanzjata kollha min-naħa tagħhom. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jħallas it-tickets tal-ajru, l-akkomodazzjoni u l-assigurazzjoni ta' l-istess vjaġġ.

- Spjega li rċieva korrispondenza mingħand il-Marriot Hotel sabiex il-bus stop li hemm quddiemom, din titneħħa. Wara diskussjoni, l-Kunsill ma qabilx li din titneħħa imma li forsi titmexxa.

**41.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

41.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana spjega li ser ikun qiegħed jgħaddi lista b'tiswijiet u manutenzjonijiet li jixtieq li jsiru fil-lokal. Huwa qal li kellu xi lmenti dwar kif ir-residenti qegħdin jiġu milqugħin mill-front office. F'każ ta' dawn l-ilmenti huwa ġie mitlub sabiex javviċina lis-Sindku jew lid-Deputat Segretarju Eżekkutiv.

41.4.02 Il-Kunsillier Guido Dalli lmenta dwar contrainers / trailers li qed ikunu ta' zgombru fi Triq Dun Ġużepp Xerri. Huwa staqsa dwar meta ser ikun qiegħed isir id-dawl mal-Monument ta' Ġużi Tanti minħabba li s-servizz huwa diġa mħallas u dan il-monument għadu fid-dlam. Il-Kunsill iddeċida li tintbagħat ittra bl-Avukat lill-LBV Ltd. Id-Deputat spjegat li kienu ntbagħatu diversi ittri rreġistrati lill-istess persuna fejn dawn ġew irrifjutati. Iċ-Ċermen spjega li ser ikun qiegħed jkellem lill-LBV Ltd. Huwa qajjem il-punt dwar il-ġbir ta' l-iskart fejn il-ħaddiem tal-kolletur qiegħed jiġbor l-iskart fl-area waħda, biex imbgħad meta jgħaddi t-trakk jinġabar f'daqqa, għaldaqstant din qed toħloq problema għal min joħroġ l-iskart fil-ħin ta' wara li jkun sar dan il-proċess.

41.4.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajjmet il-punt dwar il-faċċata mgħottija minħabba x-xogħol li qed isir mal-Barracuda fi Triq Ċensu Tabone. Is-Sindku spjega li ġie nfurmat li dan qiegħed skond ir-regoli.

41.4.04 Iċ-Ċermen spjega li qiegħed jaħdem fuq it-termini u kundizzjonijiet tal-permessi sabiex dawn ikunu aktar ċari u simplifikati. Il-Kunsillier Guido Dalli ssuġerixxa li dawn għandhom jingħataw seperatament fuq karta A4 fil-qosor.

41.4.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsilliera Patricia Camilleri ilmentaw dwar il-problema li hemm bil-banek ġewwa il-lokalita'. Dan minħabba li l-branches tal-lokalita' ħafna minnhom għalqu.

**41.6 Aġġornament tal-ħidma tal-Kunsill**

41.6.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, xogħolijiet li saru mill-25 ta' Jannar 2022 l-quddiem, fosthom manutenzjoni fuq bankini, tiżrieħ ta' pjanti u manutenzjoni ieħor inġenerali mill-ħaddiem tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lil min hu involut għax-xogħol siewi li sar.

41.6.02 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll skemi preċidenti li kienu ġew approvati u oħrajn li ma kienux ġew approvati għal-attenzjoni tal-Kunsill.

41.6.03 Ser ikun qiegħed jingħata update ta' xi jkun qiegħed jsir mill-Kunsill f'ċertu żminijiet.

**41.6 Aċċess għal Xatt is-Sajjieda**

41.6.01 Iċ-Ċermen spjega li ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-AIS sabiex jiddiskutu fuq kif ser joperaw il-barriers li hemm f'Xatt is-Sajjieda.

**41.7 E-Scotters u attivitajiet kummerċjali fuq il-promenade**

41.7.01 Din ser tkun qed terġa tiġi diskussa.

**41.8 Talbiet żgħar;**

**41.8.01 Korrispondenza dwar il-'*Beverage Container Refund Scheme' (Inc. 27830/22)***

41.8.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nimxu fuq li kien ġie ssuġġerit min-naħa tal-Kunsilliera.

**41.8.02 Korrispondenza dwar ic-'*Cigarette Bins' (Inc. 28004/22)***

41.8.02.01 Din ser tkun qed tintbagħat risposta fejn qegħdin dawn ic-cigarette bins.

**41.8.03 Ir-Rapport tar-Risk Assessment tal-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill (Inc. 28220/22)**

41.8.03.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, fejn id-Deputat spjegat dwar xi problemi li hemm ġewwa il-binja tal-Kunsill. Ser inkunu qed nieħdu azzjoni fejn huwa possibli.

**41.8.04 Invit minghand is-Sindku ta' Saku Municipality Marti Rehemaa (Inc. 28424/22)**

41.8.04.01 Din tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun qiegħed jattendi ċ-Ċermen dment li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ebda spiża mhi ser tinħareġ mill-Kunsill minħabba li kollox ser ikun qiegħed jitħallas min-naħa tagħhom.

**41.8.05 Mozzjoni dwar l-operat tal-Kunsill (Inc. 28515/22)**

41.8.05.01 Ġiet imressqa mozzjoni min-naħa tal-Kunsilliera Adrian Domenic Ellul, Martin John Sultana u John Agius dwar l-operat tal-Kunsill. Iċ-Ċermen spjega l-istandard tal-Kunsill kif inhu suppost li jimxi skont l-Att tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar il-fondi ewropej li ma konniex applikajna għalihom. Iċ-Ċermen offra lill-

Kunsillier Adrian Domenic Ellul sabiex mill-lum 'il quddiem jieħu f'idejħ kull ħaġa relatata mal-fondi mill-ewropa. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa wkoll dwar il-ground ta' Ta' Ġiorni, jekk kienetx intbagħatet l-LC1 (huwa ġie nfurmat li din kienet għadna ma ntbagħtitx), fir-rigward l-issue pendenti dwar tiżbir ta' siġra fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Kappella. Huwa ġie nfurmat miċ-Ċermen li kien diġa nforma lill-persuna kkonċernata iżda l-Kunsill ma jista jagħmel xejn minħabba li din qieghda fil-privat. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa wkoll dwar il-manutenzjoni u tisbiħ li qed isir fil-lokalita' iżda imbagħad ma nibqgħux nieħdu ħsiebhom, fosthom is-siġar. Iċ-Ċermen xtaq jikjarifka mal-Kunsilliera kemm il-Kunsill joħroġ flus sabiex jisaqqew dawn il-pjanti / siġar fil-lokalita'. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul żdied jgħid li hemm wkoll irrigrazzjoni li mhux qieghda tiffunzjona tajjeb u ta dan iċ-Ċermen infurmah li dawn ser ikunu qed jinbidlu min-naħa tal-Malta Tourism Authority. Fir-rigward iż-żgħażagħ u sports, iċ-Ċermen spjega li għalkemm qed jitqajjem dan il-punt, qatt ma ingħata rapport ta' kull Kunsillier x'jagħmel mill-irwol tiegħu għal-sena sħiħa.

**41.8.06 Korrispondenza dwar problema ta' parkegg fi Triq Alfred Gauci (Inc. 28535/22)**

41.8.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-persuna li bagħtet l-ilment.

**41.8.07 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv (Inc No. 28537/22)**

41.8.07.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li din ser tiġġeded għal-90 jum ieħor.

**41.8.08 SPI.SCI.3.2022 – Ċirkulari dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023.**

41.8.08.01 Din iċ-Ċirkulari skadiet.

**41.8.09 Email mingħand Frank Salt Real Estate bi proposti ta' kollaborazzjoni (Inc. 28778/22)**

41.8.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettal il-materja tagħhom.

**41.8.10 Talba mingħand is-Sur Julio Grech għal-Sleeping Policeman (Inc. 28838/22)**

41.8.10.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**41.8.11 Email mingħand is-Sur Clayton Luke Mula f'isem Amadeus Chamber Choir b'talba li jitella kunċert b'kollaborazzjoni mal-Kunsill (Inc. 28856/22)**

41.8.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jagħti l-kontribuzzjoni ta' €250.00

**41.8.12 Kwotazzjoni dwar vann għall-Kunsill.**

41.8.12.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-preżent skada l-kuntratt tal-vann li l-Kunsill kien qiegħed jikri. Id-Deputat spjegat li ġabret diversi kwotazzjonijiet sabiex nikru vann għall tlett xhur. Din poġġiethom fuq il-mejda sabiex il-Kunsill ikun jista jara liema hija l-aktar offerta vantaġġuża. Il-Kunsillier Guido spjega li qed tiġina ħafna flus meta huwa aktar vijabli li nixtru vann u jkun tal-Kunsill. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li min jaf lill xi ħadd fejn nistgħu nixtru dan il-vann jibgħat jew jtellagħhom fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament li tintagħżel il-kwotazzjoni tal-Burmarrad Commercials fejn din kienet l-iktar kwotazzjoni li laħqet ir-rikjesti tal-Kunsill.

**41.8.13 Email minghand ic-CitySightseeing rigward boards fuq il-promenade.**

41.8.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li ma jaffetwax il-bankina ġewwa Xatt ta' San Ġorġ.

**41.8.14** Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Elizabeth Borg li hi id-Data Protection Officer tal-Kunsill mis-sena 2019 qed tingħata allowance ta' €100 fix-xahar għal din il-kariga. Din qed tiġi mressqa għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament.

**41.8.15** Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Uffiċċjal Eżekuttiv Marilyn Demanuele ma telgħatx *in-notches* tal-iskala tagħha kif suppost għalhekk ser ikunu qed jingħataw l-arretrati kif suppost filwaqt li ser tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li waslet biex titla skala 11 sabiex jibda l-proċess biex toħroġ sejħa internali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.8.16** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill talba mingħand is-Sinjura Mandy Zammit ħaddiema klerikali tal-Kunsill, fejn talbet għar-reduced hours temporarju. Hija talbet li mit-2 ta' Mejju sal-15 ta' Gunju

taħdem b’ ħamsa u għoxrin siegħa fil-gimgha filwaqt li mis-16 ta’ Ġunju sat-30 ta’ Settembru 2022 bl-għoxrin siegħa fil-gimgha. Dan minħabba li ser tkun qed tieħu lit-tifel għal physiotherapy. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li wara dan il-perjodu is-Sinjura Zammit terġa tiġi lura full time.

**41.8.17** Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar xi ilmenti li għandu dwar l-istaff. Iċ-Ċermen infurmaħ sabiex din tiġi diskussa mad-Deputat Segretarju. Huwa ssuġerrixa wkoll li l-istaff għandhom jingħataw training dwar customer care. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri spjegat kif l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed jagħtu diversi taħriġ dwar dan il-qasam. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li għandu jkun hemm rotation fix-xogħol ta’ l-istaff.

**41.8.18 Email dwar talba għall-World Cup finals (Inc. 28889/22);**

41.8.18.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandu jerġa jkellimna f’ Awwissu sabiex inkunu f’pożżizjoni ntuħ risposta.

**41.8.19 Email dwar skema SPl.SCl.4.2022 – Korsijiet Lifelong Learning 2022/2023 (Inc. 29675/22)**

41.8.19.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**41.8.20 Email dwar talba għal-zebgħa għal Waterpolo Pitch St. Julian’s (Inc. 29188/22);**

41.8.20.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill mhux ser ikun jagħti din iż-żebgħa minħabba li l-area msemmija hemm encroachment kif ukoll il-Kunsill m’għandux finanzi għal dan.

**41.8.21 Email dwar permess għal Xatt is-Sajjieda (Inc. 29227/22);**

41.8.21.01 B’riferenza għal-email t’hawn fuq, il-Kunsillier Martin Sultana ssuġerrixa li għandu jingħata l-permess. Iċ-Ċermen spjega li ma nistgħhux nagħtu permessi lill-kulħadd.

**41.8.22 Email dwar charity walk for Ursuline sisters from Marriot Hotel (Inc. 29262/22);**

41.8.22.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din il-mixja.

**41.8.23 Email dwar current location of bus stop in Balluta (Inc. 29315/22)**

41.8.23.01 Din diga giet diskussa aktar il-fuq.

**41.8.24 Email dwar talba għal stand tal-hot dogs.**

41.8.24.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' miegħu.

**41.8.25 Email mingħand is-Sur Adrian Domenic Ellul dwar niċċa f' Ta' Ġiorni (Inc. 29334/22);**

41.8.25.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tinġabar kwotazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Martin Sultana.

**41.8.26 Email dwar Ċirk AKL 2022/044 Free Collection of organic waste collection from commercial establishments (Inc. 29259/22);**

41.8.26.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**41.8.27 Korrispondenza dwar Y4EU – Youth for Europe – Town Twinning Project in Messini (Inc. 29140/22, 29145/22)**

41.8.27.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikunu qed jattendu għal din il-konferenza l-Kunsillier Guido Dalli, l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier Martin Sultana. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiffinanzja l-flights minħabba li kollox ser ikun qiegħed jiġi mħallas min-naħa ta' min qed jorganizzaha.

**41.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

41.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5659 sa 5696. (Ara Appendiċi 'A')

41.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**41.10 Skeda tal-Pagamenti**

41.10.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

41.10.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

41.10.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**41.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

41.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 fl-4.30p.m.

41.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-8.45p.m.

**IFFIRMATI**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 26 ta' Mejju 2022